

Brussell, 1 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11225/20
ADD 3

JAI 751
FREMP 81
AG 45
POLGEN 168

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2020) 302 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitulu għall-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fiċ-Ċekja Li jakkumpanja d-dokument KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2020) 302 final.

Mehmuż: SWD(2020) 302 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2020
SWD(2020) 302 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt

Kapitolu għall-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fiċ-Ċekja

Li jakkumpanja d-dokument

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt

Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

{COM(2020) 580 final} - {SWD(2020) 300 final} - {SWD(2020) 301 final} -
{SWD(2020) 303 final} - {SWD(2020) 304 final} - {SWD(2020) 305 final} -
{SWD(2020) 306 final} - {SWD(2020) 307 final} - {SWD(2020) 308 final} -
{SWD(2020) 309 final} - {SWD(2020) 310 final} - {SWD(2020) 311 final} -
{SWD(2020) 312 final} - {SWD(2020) 313 final} - {SWD(2020) 314 final} -
{SWD(2020) 315 final} - {SWD(2020) 316 final} - {SWD(2020) 317 final} -
{SWD(2020) 318 final} - {SWD(2020) 319 final} - {SWD(2020) 320 final} -
{SWD(2020) 321 final} - {SWD(2020) 322 final} - {SWD(2020) 323 final} -
{SWD(2020) 324 final} - {SWD(2020) 325 final} - {SWD(2020) 326 final}

RIASSUNT

Bħalissa jinsabu għaddejnin jew qed jitħejjew għadd ta' riformi importanti tas-sistema tal-ġustizzja Ċeka, fosthom dwar il-prosekuzzjoni pubblika, il-proċedura tal-għażla għall-imħallfin u r-reġim dixxiplinarju għall-imħallfin u l-prosekuturi. Dawn ir-riformi jistgħu jikkontribwixxu biex tiżdied it-trasparenza u tiġi limitata l-influenza tal-eżekuttiv fil-ħatriet, il-promozzjoni u t-tkeċċija tal-imħallfin u l-prosekuturi. Ċerti aspetti limitati tar-riformi proposti, b'mod partikolari fir-rigward tal-prosekuturi bi grad għoli, taw lok għal xi tħassib. Fir-rigward tal-kwalità tas-sistema tal-ġustizzja, l-introduzzjoni effettiva tal-e-file tikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni u għall-aċċessibilità tal-qrati. Iż-żieda proposta tat-tariffi tal-qorti qajmet mistoqsijiet fir-rigward tal-impatt tagħha fuq l-aċċess għall-ġustizzja għal dawk l-aktar vulnerabbli.

Il-qafas legali u istituzzjonali għall-għieda kontra l-korruzzjoni jinsab fil-biċċa l-kbira tiegħu fis-seħħ. Kien hemm għadd ta' inizjattivi bl-għan li jżidu t-trasparenza u l-akkontabilità pubblika, b'mod partikolari t-tneđija tar-reġistru tal-kuntratti u l-liġi l-għdida dwar in-nomini għall-intrapriżi tal-istat. Madankollu, għad hemm diversi miżuri leġiżlattivi importanti li għadhom iridu jiġu adottati, pereżempju l-abbozz ta' liġi dwar il-lobbying u l-protezzjoni tal-informaturi kif ukoll l-abbozz ta' liġi li jestendi l-mandat tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar. Jinsabu għaddejnin investigazzjonijiet u awditi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew rigward kunflitti tal-interessi potenzjali u l-użu tal-fondi tal-UE. Hemm tħassib li l-każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja ma jiġux investigati biżżejjed. Ġew identifikati xi diskrepanzi fl-oqfsa tal-integrità applikabbli għall-Membri tal-Parlament.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Libertajiet Bażiċi, inkorporata fl-Ordni Kostituzzjonali Ċeka, fl-Artikolu 17 tagħha, tiggarrantixxi l-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni, u tipprojbixxi b'mod espliċitu ċ-ċensura. Is-settur tal-media għadu espost għar-riskji relatati mal-influenza tas-sidien tal-midja fuq il-kontenut editorjali u li jirriżultaw min-nuqqas ta' regoli speċifiċi li jirregolaw it-trasparenza tas-sjieda tal-media. Il-Kunsill tax-Xandir Ċek jidher li qed iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv, minkejja li jidher li kien hemm polarizzazzjoni dejjem akbar tad-deċiżjonijiet reċenti dwar il-kopertura tal-media ta' ċertu kwistjonijiet ta' sensitività politika kbira.

Is-sistema ta' kontrokontrolli taċ-Ċekja hija stabbilita sew. It-tweqqiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt u l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati huma Prattiki stabbiliti għall-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni u qed isiru sforzi biex tiżdied aktar it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv. Madankollu, xi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili appellaw għal involviment aktar sistematiku tal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili fil-proċess leġiżlattiv. Filwaqt li hemm soċjetà ċivili vibranti u varja, il-persjoni fuq ċerti tipi ta' NGOs qed tiżdied, b'mod partikolari fil-qasam tal-migrazzjoni. Hemm Ombudsperson iżda għad ma hemmx Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem. Jittieħdu inizjattivi għall-organizzazzjoni ta' dibattiti regolari dwar suġġetti relatati mal-istat tad-dritt, b'mod partikolari mis-Senat.

I. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA

Is-sistema tal-ġustizzja Ċeka hija magħmula minn 86 qorti distrettwali, tmien qrati reġjonali, żewġ qrati għolja, il-Qorti Suprema u l-Qorti Amministrattiva Suprema¹. L-entità ċentrali tal-istat responsabbli għall-amministrazzjoni tal-qrati hija l-Ministeru għall-Ġustizzja. Il-Ministeru għall-Intern iwettaq amministrazzjoni tal-istat tal-qrati għolja, reġjonali u distrettwali sal-punt stipulat mil-liġi², direttament jew inkella permezz tal-presidenti ta' dawn il-qrati. Xi atti tal-amministrazzjoni ċentrali tal-istat jitwettqu mill-President taż-żewġ Qrati Supremi. Dawn id-diversi awtoritajiet iqisu l-opinjoni tal-kunsilli tal-ġudikatura rilevanti, li jiġu stabbiliti fil-Qorti Suprema, fil-Qorti Amministrattiva Suprema, fil-qrati għolja, fil-qrati reġjonali u fil-qrati distrettwali akbar. L-imħallfin huma maħtura mill-President tar-Repubblika, minn fost il-kandidati magħżula mill-presidenti tal-qrati reġjonali u ppreżentati mill-Ministru għall-Ġustizzja. Is-servizz tal-prosekuzzjoni huwa parti mill-fergħa eżekuttiva. Il-prosekuturi pubbliċi jiġu appuntati fil-kariga tagħhom għal perjodu indefinit mill-Ministru għall-Ġustizzja fuq proposta mill-Prosekutur Ġenerali. Il-Prosekutur Ġenerali jinħatar u jitneħħa mill-Gvern fuq proposta mill-Ministru għall-Ġustizzja³. Il-Kumitat Nazzjonali tal-Avukati huwa stabbilit bil-liġi u huwa indipendenti. Dan iwettaq amministrazzjoni pubblika fil-qasam tal-professjoni legali u jipprovdwi awtoregolamentazzjoni għall-professjoni kollha kemm hi. Is-setgħa ta' awtoregolamentazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali hija limitata mis-setgħa tal-Ministru għall-Ġustizzja fl-oqsma elenkati mil-liġi⁴.

Indipendenza

Fil-Parlament qed tiġi diskussa riforma għall-proċedura tal-għażla tal-imħallfin. Din ir-riforma⁵ għandha l-għan li żżid it-trasparenza u l-akkontabilità pubblika fl-għażla tal-imħallfin ordinarji kif ukoll tal-presidenti tal-qrati. Il-proċess tal-għażla tal-kandidati għal kariga ġudizzjarja bħalissa mhuwiex stipulat mil-liġi. Fil-prattika, il-kandidati jiġu nnominati mill-presidenti tal-qrati reġjonali li jibagħtu lista lill-Ministeru għall-Ġustizzja. Wara kunsiderazzjoni ulterjuri, dan tal-aħħar jippreżenta lista finali ta' kandidati lill-President tar-Repubblika, li jaħtar formalment l-imħallfin. Il-kandidati għall-presidenti tal-qrati għolja u reġjonali jiġu proposti mill-Ministeru għall-Ġustizzja⁶. Il-President tar-Repubblika jrid jagħti r-raġunijiet jekk jirrifjuta li jaħtar kandidat. Id-deċiżjonijiet tal-President dwar il-ħatra ta' mħallef huma soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qrati amministrattivi⁷. L-emendi proposti għandhom l-għan li jistabbilixxu sistema aktar trasparenti u uniformi tar-reklutaġġ u tal-għażla tal-imħallfin u l-presidenti tal-qorti l-ġodda fuq il-bażi ta' kriterji preċiżi, oġġettivi

¹ Barra minn hekk, kmamar amministrattivi speċjalizzati fil-qrati reġjonali jaġixxu bħala qrati amministrattivi tal-prim'istanza.

² L-Att Nru 6/2002 Coll., Dwar il-Qrati u l-Imħallfin.

³ Il-metodu tal-ħatra u tat-tkeċċija tal-prosekuturi bi grad għoli huwa parti minn riforma proposta mill-Ministeru għall-Ġustizzja f'Ġunju 2019.

⁴ Kontribut miċ-Ċekja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 6, u l-kontribut mill-Kumitat Nazzjonali Ċek tal-Avukati għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 13.

⁵ Emendi tal-Att Nru 6/2002 Coll., dwar il-Qrati u l-Imħallfin. Apparti r-riforma tal-proċedura tal-għażla għall-imħallfin, l-emendi proposti jinkludu wkoll regolament aktar dettaljat tal-attività sekondarja tal-imħallfin u bidla li tirrigwarda l-ġurati lajċi.

⁶ L-Att Nru 6/2002 Coll., dwar il-Qrati u l-Imħallfin, u l-Figuri 61, 62 u 65, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.

⁷ Id-deċiżjonijiet huma soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju fir-rigward ta', *inter alia*, id-dritt għall-kundizzjonijiet ugwali ta' aċċess għal karigi eletti u għal karigi pubbliċi oħra, u d-dritt li l-każ jinstema' bla ebda dewmien żejjed. Id-Deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Suprema tas-27 ta' April 2006, Nru 4 Aps 4/2005 u tal-21 ta' Mejju 2008, Nru 4 Ans 9/2007.

u uniformi⁸. Ir-riforma tistabbilixxi wkoll il-kompożizzjoni tal-kumitati tal-għażla għall-kariga tal-presidenti tal-qorti fil-qrati għolja, reġjonali u distrettwali. Din tal-aħħar ikollha ħames membri, li tnejn minnhom jirrappreżentaw l-eżekuttiv u tlieta jirrappreżentaw il-ġudikatura u s-sħubija tal-kumitati tal-għażla inkarigati mill-valutazzjoni tal-kandidati tiġi ddefinita ulterjorment b'mod espliċitu skont il-kariga inkwistjoni⁹. L-intenzjoni hija li l-kumitati li jirakkomandaw il-lista finali tal-kandidati għall-ħatra jkollhom parti sostanzjali mill-membri tagħhom li tinsilet mill-ġudikatura, u dan huwa konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa¹⁰.

Il-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fost il-pubbliku ġenerali u l-kumpaniji hija waħda medja. L-indipendenza tal-qrati hija perċepita bħala “pjuttost tajba jew tajba ħafna” minn 56 % tal-pubbliku ġenerali u 44 % tal-kumpanija. Dawn iċ-ċifri kellhom żieda kumplessiva f'dawn l-aħħar snin¹¹.

Bħalissa hemm abbozz tar-riforma tar-reġim dixxiplinarju għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-marixxalli tal-qorti quddiem il-Parlament¹². L-objettiv dikjarat tagħha huwa, minn naħa, li ssaħħaħ il-garanzija tal-legalità tal-proċedimenti billi tintroduċi sistema ta' appell, u min-naħa l-oħra, li żżid l-effiċjenza tal-proċedimenti. Fl-ambitu tar-reġim attwali, mhux possibbli li deċiżjoni tal-qorti dixxiplinari, li hija senat speċjali fil-Qorti Amministrattiva Suprema, tiġi appellata¹³. Ir-riforma tistabbilixxi sistema dixxiplinari b'żewġ saffi, bil-qrati għolja li jaġixxu bħala qrati tal-prim'istanza u l-Qorti Suprema u l-qorti Amministrattiva Suprema bħala qrati tal-appell. Riforma bħal din tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja, li huwa konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa¹⁴.

⁸ Emendi tal-Att Nru 6/2002 Coll., dwar il-Qrati u l-Imħallfin. Jekk l-emendi jiġu adottati, is-sistema ta' għażla proposta tal-imħallfin ġodda, se tkun tikkonsisti f'ħames fażijiet: (1) prattika bħala assistent ta' mħallef, (2) eżami ġudizzjarju, (3) proċedura tal-għażla ta' kandidat ġudizzjarju, (5) prattika ta' kandidat ġudizzjarju u (5) kompetizzjoni miftuħa għall-kariga ta' mħallef. Applikanti minn professjonijiet legali oħra (bħal avukati, nutara, marixxalli tal-qorti jew prosekuturi pubbliċi) jistgħu japplikaw ukoll għall-kariga ta' kandidat ġudizzjarju u/jew imħallef.

⁹ Pereż. għall-għażla tal-president ta' qorti għolja jew reġjonali, huwa propost li l-membri tal-kumitat tal-għażla jkunu: il-Viċi Ministru għall-Ġustizzja, espert mill-Ministeru għall-Ġustizzja, il-president (jew il-viċi president rappreżentant awtorizzat tiegħu/tagħha) tal-qorti reġjonali jew għolja fejn tkun se timtela l-kariga tal-president, il-president (jew il-viċi president) tal-qorti reġjonali jew għolja fejn il-kariga tal-president ma tkunx se timtela, u l-president tal-Qorti Suprema jew il-viċi president deżinjat tiegħu/tagħha.

¹⁰ Il-paragrafu 47 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa. Fir-rigward tal-proċess tal-ħatra ġudizzjarja mill-perspettiva tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin, il-Kawża Magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, A.K., il-punti 124-125 u 133-134; il-Kawża C-272/19, Land Hessen, il-punti 54-60.

¹¹ Il-Figuri 44 u 46, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020. Il-livell ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita huwa kkategorizzat kif ġej: baxx ħafna (anqas minn 30 % tar-rispondenti jipperċepixxu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba u tajba ħafna); baxx (bejn 30-39 %), medju (bejn 40-59 %), għoli (bejn 60-75 %), għoli ħafna ('il fuq minn 75 %).

¹² L-Att Nru 7/2002 Coll. dwar il-Proċedimenti f'Materji ta' Mħallfin, Prosekuturi u Marixxalli tal-Qorti.

¹³ Teżisti l-possibbiltà li jintalab il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti jekk tfeġġ informazzjoni li qabel ma kinitx magħrufa, u huwa possibbli li jitressaq ilment kostituzzjonali; madankollu dawn mhumiex ikkunsidrati bħala reviżjoni standard.

¹⁴ CDL-AD(2016)017, Il-Lista ta' Verifika tal-Istat tad-Dritt, il-paragrafu 78, CM/Rec(2010)12, il-paragrafu 69 u CDL-AD(2010)004, il-paragrafu 43. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (C-216/18 PPU, LM, il-25 ta' Lulju 2018, il-punt 67): “ir-rekwiżit ta' indipendenza jeżiġi wkoll li s-sistema dixxiplinari ta' dawk li l-kompitu tagħhom huwa li jiddeċiedu jkollha l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li tali sistema tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, l-ippromulgar ta' regoli li jiddefinixxu, b'mod partikolari, kemm l-aġir li jikkostitwixxi

Ġie propost abbozz ta' riforma tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Ir-riforma¹⁵, ippreżentata f'Ġunju 2019, se temenda r-reġim tal-ħatra u t-tkeċċija tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni. Bħalissa, il-Prosekutur Ġenerali jinħatar mill-Gvern, wara proposta tal-Ministru għall-Ġustizzja u għal perjodu indefinit. Fl-istess waqt, il-liġi tistipula li l-Prosekutur Ġenerali jista' jitkeċċa mill-Gvern wara proposta tal-Ministeru għall-Ġustizzja mingħajr ma jingħataw raġunijiet¹⁶. Fir-rigward tal-prosekuturi l-oħra, il-liġi tippreskrivi liema awtorità taħtarhom, iżda la tirregola l-proċess tal-għażla u lanqas ir-rekwiżiti li kandidat għall-kariga jeħtiegħu li jissodisfa. Ir-riforma proposta mill-Ministru għall-Ġustizzja tistipula li l-prosekuturi bi grad għoli, fosthom il-Prosekutur Ġenerali, jistgħu jitkeċċew biss permezz ta' deċiżjoni maħruġa fi proċediment dixxiplinari. Tippreskrivi wkoll li l-prosekuturi pubbliċi anzjani fil-kariga jinħatru għal seba' snin, u tistipula r-rekwiżiti għall-kandidati għal karigi fil-prosekuzzjoni, u l-proċess tal-għażla tagħhom. Il-kandidati għandhom jintgħażlu minn kumitat ta' ħames membri, li tlieta minnhom għandhom jiġu nnominati mill-Ministeru għall-Ġustizzja (wieħed minnhom irid ikun imħallef), wieħed mill-Prosekutur Ġenerali, u wieħed minn prosekutur pubbliku anzjan fil-kariga, li jkun responsabbli għas-sottomissjoni ta' proposta għall-ħatra tal-prosekuturi pubbliċi anzjani fil-kariga. L-emenda tipprevedi wkoll li l-mandat tal-Prosekutur Ġenerali attwali jintemm fis-sena 2023, u l-mandat taż-żewġ Prosekuturi Għolja jintemm fl-2024. Fil-proċess ta' konsultazzjoni, diversi partijiet ikkonċernati¹⁷ esprimew it-tħassib li xi wħud mill-emendi proposti kienu jżommu grad konsiderevoli ta' involviment tal-fergħa tal-eżekuttiv fl-għażla tal-Prosekutur Ġenerali u ta' kapijiet prosekuturi oħra, b'mod partikolari permezz tan-nomina tal-membri tal-kumitat inkarigat mill-għażla tal-kandidati għal karigi fil-prosekuzzjoni. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati kkritikaw il-fatt li, filwaqt li l-emenda ppreskriviet mandat ta' seba' snin għall-prosekuturi anzjani fil-kariga, il-mandat tal-Prosekutur Ġenerali attwali u taż-żewġ Prosekuturi Għolja kien se jiġi fi tmiemu diġà fl-2023 u fl-2024 rispettivament, minħabba li ilhom jokkupaw il-kariga għal perjodu ta' żmien itwal mill-mandat previst mir-riforma¹⁸. L-abbozz tar-riforma għadu qed jistenna l-approvazzjoni tal-Gvern u l-proċess leġiżlattiv fil-Parlament għadu jrid jinbeda.

Kwalità

Il-Gvern ippropona emenda tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti, li bħalissa qed jiġi eżaminat fil-Parlament¹⁹. L-abbozz ta' emendi tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti li ġew ippreżentati fi Frar 2020, jirrappreżentaw żieda komprensiva f'xi wħud mit-tariffi tal-qorti sabiex jiġu allinjati maż-żieda fil-livell ta' għajxien mill-aħħar emenda fl-2011 'il hawn²⁰. Fl-

ksur dixxiplinari u kemm is-sanzjonijiet applikabbli konkretament, li jipprevedu l-intervent ta' istanza indipendenti konformement ma' proċedura li tiggarrantixxi b'mod sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, u li jstabilixxu l-possibbiltà li d-deċiżjonijiet tal-organi dixxiplinari jiġu kkontestati quddiem qorti, jikkostitwixxi ġabra ta' garanziji essenzjali għall-finijiet tal-ħarsien tal-indipendenza tas-setgħa għudizzjarja”.

¹⁵ Materjali ppubblikati fil-librerija elettronika tal-proċess leġiżlattiv, <https://apps.odok.cz/veklep-detail?pid=KORNBD9J6ZWU>.

¹⁶ L-Att Nru 283/1993 Coll., dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku.

¹⁷ Inkluż il-Prosekutur Ġenerali, l-Unjoni tal-Prosekuturi Pubbliċi u l-Kunsill tal-Gvern għall-Koordinazzjoni tal-Għieda kontra l-Korruzzjoni.

¹⁸ Ara n-nota ta' qabel. Fi sqarrija għall-istampa, il-Prosekutur Ġenerali ddikjara li fid-dawl tat-tmiem il-mandat stipulat, it-tir veru u proprju tal-liġi huwa li hu flimkien maż-żewġ Prosekuturi Għolja jiġu sostitwiti.

¹⁹ Abbozz ta' liġi li jemenda l-Att Nru. 549/1991 Coll., Dwar it-Tariffi tal-Qorti.

²⁰ B'mod partikolari, pereżempju, it-tariffi għal proposta biex jinbdew proċedimenti ċivili dwar talba pekunarja sa massimu ta' CZK 20 000 (madwar EUR 750) jirduppjaw minn CZK 1 000 (madwar EUR 37) sa CZK 2 000 (madwar EUR 75), it-tariffi għal proposta għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas elettroniku, li tkun tirrigwarda eżekuzzjoni monetarja sa massimu ta' CZK 10 000 (madwar EUR 375) jingħaqdu mal-kategorija sa

istess waqt, il-proposta tipprevedi żieda fl-ammont ta' ċerti tariffi tal-qorti, bl-għan li jiġu mħeġġa litigazzjoni aktar prudenti²¹ u l-użu tar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim, bħal soluzzjonijiet bonarji permezz tal-medjazzjoni²². Bħalissa, it-tariffi tal-qorti huma komparattivament baxxi għal kawżi ċivili u tal-konsumatur, iżda relattivament għoljin għal kawżi kummerċjali²³. Fil-proċess ta' konsultazzjoni u matul id-dibattitu pubbliku, diversi partijiet ikkonċernati²⁴ esprimew tħassib rigward l-effett tar-riforma fuq l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari għall-membri l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni²⁵. Biex dan it-tħassib jiġi indirizzat, l-abbozz ta' liġi jipproponi li eżenzjoni mit-tariffi tal-qorti mhijiex se tibqa' titqies aktar bħala eċċezzjonali. L-atturi fil-proċedimenti tal-qorti, li juru bil-provi li l-qagħda finanzjarja tagħhom hija diffiċli, jistgħu jiġu eżentat mit-tariffi tal-qorti.

Ġiet implimentata sistema ta' għajjnuna legali wiesgħa mill-Kumitat Nazzjonali tal-Avukati. Il-Kumitat Nazzjonali ilu jimplimenta sistema ta' għajjnuna legali wiesgħa introdotta fl-2018²⁶, li biha tingħata konsulenza legali minn avukat bi ħlas ta' tariffa baxxa ferm jew bla hlas²⁷. Din l-iskema hija kofinanzjata mill-istat.

Hemm lok għal titjib fid-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja. Filwaqt li huwa possibbli li talba titressaq digitalment²⁸, l-aċċess online għall-files ġudizzjarji għadu mhux possibbli u s-sentenzi huma aċċessibbli online parzjalment biss²⁹. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa li jiġu introdotti files tal-qorti diġitali. Minkejja li l-Ministeru għall-Ġustizzja diġà nieda l-proċess għall-implimentazzjoni tal-e-file, il-proġett għadu fi stadju bikri³⁰. Sa issa, l-e-file jista' jintuża biss fi proċedimenti rigward l-ordnijiet ta' hlas³¹.

Fl-2019 ġiet adottata riforma tal-proċedimenti ta' insolvenza. L-emenda wessgħet il-kawżi li fihom qorti tista' tiddikjara debitur bħala ħieles minn kull dejn. L-emenda skattat minħabba l-għadd kbir ta' nies li sabu ruħhom fl-hekk imsejħa "nassa tad-dejn" u l-impatti

massimu ta' CZK 20 000 (madwar EUR 750) u t-tariffa tiżdied minn CZK 400 (madwar EUR 15) sa CZK 1 500 (madwar EUR 56), u tariffa għal proposta biex jinbdew proċedimenti f'materji ta' ġustizzja amministrattiva kontra d-deċiżjonijiet ta' korp amministrattiv tiżdied minn CZK 3 000 (madwar EUR 113) sa CZK 6 000 (madwar EUR 225).

²¹ L-għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali litiġjużi li jidħlu kien, b'mod konsistenti, daqsxejn aktar mill-medja tal-UE fil-perjodu bejn l-2012 u l-2018. Il-Figura 3, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

²² F'dan il-każ, it-tariffi tal-qorti jintraddu lura jew jitnaqqsu.

²³ Il-Figuri 24 u 25, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020. Fuq il-bażi ta' xenarju ta' kawża speċifika tal-konsumatur u ta' kawża speċifika kummerċjali, rispettivament.

²⁴ Pereżempju, il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Kummissarju tal-Gvern għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u x-Xogħol jew id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet.

²⁵ Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ikkonstatat li t-tariffi tal-qorti jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, jostakolaw l-aċċess għall-ġustizzja. Ara l-QEDB, *Kreuz v. Poland*, il-paragrafi 60-67; il-QEDB, *Podbielski and PPU Polpure v. Poland*, il-paragrafi 65-66; il-QEDB *Weissman and Others v. Romania*, il-paragrafu 42; il-QEDB *Georgel and Georgeta Stoicescu v. Romania*, il-paragrafi 69-70; il-QEDB *Stankov v. Bulgaria*, il-paragrafu 59. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, C-279/09, DEB, il-punt 61, u C-61/14, *Orizzonte Salute*, il-punti 46-47.

²⁶ Bħala parti mill-Att Nru 258/2017 Coll., li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Legali.

²⁷ Din il-konsulenza legali bla ħlas iddum minn 30 minuta sa massimu ta' 120 minuta fis-sena. It-tariffa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni hija stabbilita għal CZK 100 (madwar EUR 4), iżda hemm eċċezzjonijiet fejn it-tariffa titneħħa kompletament.

²⁸ Il-Figura 27, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

²⁹ Il-Figura 28, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

³⁰ Offerta li għadha miftuħa għall-iżviluppatur.

³¹ Barra minn hekk, fl-2019 inbeda proġett għall-immodernizzar u d-diġitalizzazzjoni tal-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali permezz tal-analiżi tal-flussi tax-xogħol tal-proċessi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, b'enfasi partikolari fuq il-possibilitajiet tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi, bl-appoġġ tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali tal-Kummissjoni Ewropea.

negattivi ta' din is-sitwazzjoni kemm għas-soċjetà kif ukoll għall-individwi³². Skont l-aktar statistika reċenti (Frar 2020), kważi 800 000 ruħ, li jirrappreżentaw 8 % tal-popolazzjoni, huma debituri fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni mwettqa mill-marixxalli tal-qorti³³, fosthom diversi każijiet fejn dan kien sproporzjonat għat-talba oriġinali. Skont l-informazzjoni mill-2019, 90 % tad-debituri qatt ma setgħu jħallsu lura d-dejn tagħhom u potenzjalment għandhom problemi ta' sussistenza³⁴. Sitwazzjonijiet bħal dawn jaf ikollhom impatt negattiv fuq diversi drittijiet fundamentali³⁵. Ir-riforma għandha l-għan li tagħti l-opportunità lil aktar debituri li jiġu ddikjarati ħielsa minn kull dejn permezz tal-proċedimenti ta' insolvenza. Għad irid joħroġ fid-deher jekk l-emenda hijiex se tikseb l-iskop tagħha.

Effiċjenza

Is-sistema tal-ġustizzja mhijiex qed taffaċċja xi sfidi partikolari fl-effiċjenza fil-kawżi ċivili u kummerċjali, iżda l-proċedimenti fil-kawżi amministrattivi għadhom jieħdu fit-tul. Id-dewmien stmat tal-proċedimenti tal-qorti f'kawżi ċivili u kummerċjali huwa mal-medja jew iqsar mill-livell medju, u r-rata tal-għeluq tal-kawżi tindika li l-qrati għandhom il-kapaċità li jlaħħqu mal-kawżi li jidhru³⁶. Fil-kawżi amministrattivi, iċ-Ċekja tirrapporta riżultati medji, bi trapass taż-żmien stmat għal deċiżjoni f'kawża amministrattiva fil-prim'istanza li kien ta' 412-il jum fl-2018³⁷. Ir-rata ta' soluzzjoni tal-kawżi hija fost dawk l-aktar baxxi fil-kuntest tal-UE³⁸, li jindika li diġà jeżistu sfidi f'dan il-qasam. Waħda mir-raġunijiet tista' tkun in-nuqqas relattiv ta' persunal, billi huma biss 4 % tal-imħallfin li jittrattaw kawżi amministrattivi³⁹. *Data* ppubblikata mill-Ministeru għall-Ġustizzja⁴⁰ tindika li fl-2019 kien hemm differenzi reġjonali sinifikanti fl-effiċjenza tal-qrati⁴¹. Minkejja xejra pożittiva ta' tnaqqis fid-distakk, dawn id-differenzi għadhom hemm. Il-Ministeru għall-Ġustizzja beda jirrifletti dwar il-possibiltà ta' emenda tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva, *inter alia* bl-għan li tħaffef il-proċedura quddiem il-qrati amministrattivi u tikkontribwixxi għall-effiċjenza tiegħu⁴².

II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Il-qafas legali u istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni jinsab fil-biċċa l-kbira tiegħu fis-seħħ. Il-kompetenza għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija kondiviża bejn diversi awtoritajiet. Id-Dipartiment tal-Ministeru għall-Ġustizzja għall-Kunflitt ta' Interess u kontra l-Korruzzjoni huwa inkarigat mill-aġenda kontra l-korruzzjoni. Kunsill kontra l-Korruzzjoni stabbilit fl-2014 jaġixxi bħala korp konsultattiv tal-Gvern. L-Aġenzija Nazzjonali għall-Kriminalità Organizzata, f'kooperazzjoni mal-Uffiċċji tal-Prosekuturi Pubbliċi, tinvestiga r-

³² Rapport ta' spjega tal-Att Nru 31/2019.

³³ Is-sit web tal-Kamra tal-Marixxalli tal-Qorti tar-Repubblika Ċeka, Ħarsa ġenerali fuq il-bażi tal-istatistika <https://statistiky.ekcr.info/statistiky>.

³⁴ Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju tal-Att Nru 31/2019.

³⁵ Id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Ċeka Nru I. ÚS 3271/13.

³⁶ Il-Figuri 5-7 u l-Figuri 10-11, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

³⁷ Il-Figura 8, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

³⁸ 88 % fl-2018, il-Figura 12, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

³⁹ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u kkorroborata mid-*data* fis-Sistema tal-Ġustizzja Ċeka fl-2019: ir-Rapport Statistiku Annwali ppubblikat mill-Ministeru għall-Ġustizzja, u s-CEPEJ (2020), Studju dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri tal-UE.

⁴⁰ Is-Sistema tal-Ġustizzja Ċeka fl-2019: ir-Rapport Statistiku Annwali, il-Ministeru għall-Ġustizzja 2020.

⁴¹ Pereżempju, it-tul medju tal-proċedimenti ċivili fl-aktar qrati li jimxu bil-mod ikun id-doppju tat-tul fl-aktar qorti li tħaffef. Is-Sistema tal-Ġustizzja Ċeka fl-2019: ir-Rapport Statistiku Annwali, il-Ministeru għall-Ġustizzja 2020, ippubblikat fit-30 ta' Ġunju 2020.

⁴² Informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Ċeki.

reati relatati mal-korruzzjoni. L-Uffiċċju Analitiku Finanzjarju ġie stabbilit bħala uffiċċju amministrattiv indipendenti fl-2017 u jaġixxi bħala unità ta' intelligence finanzjarja. L-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar janalizza l-ġestjoni tal-istat tad-dħul u n-nefqa pubbliċi u s-sejbiet tiegħu jistgħu jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni tar-riskji tal-korruzzjoni. F'dawn l-aħħar snin, inbdew għadd ta' riformi fil-qasam tat-trasparenza u l-akkontabilità pubblika. Għad fadal diversi miżuri leġiżlattivi li għadhom iridu jiġu adottati, pereżempju fir-rigward tal-lobbying u l-protezzjoni tal-informaturi kif ukoll abbozz ta' liġi li jestendi l-mandat tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar.

Fl-aktar indiċi reċenti ta' Transparency International dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni fl-2019, iċ-Ċekja kellha punteġġ ta' 56/100 u ġiet ikklassifikata fit-tlethax-il post fl-Unjoni Ewropea u fl-erbgħa u erbgħin post fid-dinja⁴³. Daqs 87 % tar-rispondenti għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru Speċjali tal-2020 dwar il-korruzzjoni huma tal-fehma li l-korruzzjoni hija mifruxa sew f'pajjiżhom (il-medja tal-UE: 71 %) u 22 % tan-nies iħossuhom milquta personalment mill-korruzzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (il-medja tal-UE: 26 %) ⁴⁴. Barra minn hekk, 76 % tal-kumpaniji jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa sew (il-medja tal-UE hija 63 %) filwaqt li 32 % tal-kumpaniji huma tal-fehma li l-korruzzjoni hija problema meta jinnegozjaw fiċ-Ċekja (il-medja tal-UE: 37 %) ⁴⁵. Daqs 29 % tan-nies jidhrilhom li hemm biżżejjed prosekuzzjonijiet li rnekkew biex inaffru lin-nies mill-prattiki korrotti (il-medja tal-UE: 36 %) filwaqt li 21 % tal-kumpaniji huma tal-fehma li n-nies u n-negozji li jinqabdu bit-tixħim ta' uffiċjal f'kariga mlaħħqa jiġu kkastigati kif suppost (il-medja tal-UE hija 31%).

Iċ-Ċekja għandha qafas strateġiku kontra l-korruzzjoni stabbilit ferm. Sa mill-1999 'il hawn, il-Gvern adotta strateġiji konsekuttivi kontra l-korruzzjoni. L-istrateġija attwali tkopri l-perjodu bejn l-2018 u l-2022⁴⁶ u tipprevedi t-tnejn ta' tliet pjanijiet ta' azzjoni ta' sena, li l-implimentazzjoni tagħhom għandha tiġi mmonitorjata mill-Kunsill tal-Gvern kontra l-Korruzzjoni. Il-Kunsill huwa appoġġat mid-Dipartiment tal-Ministeru għall-Ġustizzja għall-Kunflitt ta' Interess u kontra l-Korruzzjoni, li jfassal dokumenti strateġiċi kontra l-korruzzjoni u huwa inkarigat mill-aġenda kontra l-korruzzjoni. Fi Frar 2020, il-Gvern approva l-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni⁴⁷. Jiffoka fuq erba' oqsma ta' prijorità: (i) Gvern effettiv u indipendenti; (ii) it-trasparenza u l-aċċess miftuħ għall-informazzjoni; (iii) ġestjoni effiċjenti tal-proprjetà tal-istat u (iv) żvilupp tas-soċjetà ċivili. F'April 2020, il-Gvern ikkonkluda li l-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet fil-pjan ta' azzjoni tal-2019 kienet tlestiet⁴⁸.

Il-qafas legali kriminali kontra l-korruzzjoni huwa fil-biċċa l-kbira fis-seħħ minkejja li għad hemm xi sfidi. Il-Kodiċi Kriminali Ċek jikkriminalizza r-reati ta' aċċettazzjoni ta' tixħim, it-tixħim, l-abbuż mill-influwenza u l-favuri fil-kummissjoni ta' kuntratt pubbliku, offerta pubblika u rkant pubbliku⁴⁹. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tixħim ma jkoprox il-kategoriji kollha tal-impjegati fis-settur pubbliku, billi dawn huma limitati għall-persuni li jiddeċiedu jew jiddeċiedu b'mod konġunt dwar il-kwistjoni fl-interess pubbliku⁵⁰. It-tixħim

⁴³ Transparency International (2020), 2019 Corruption Perceptions Index.

⁴⁴ Ewrobarometru Speċjali 502 (2020).

⁴⁵ Ewrobarometru Speċjali 482 (2019).

⁴⁶ Kunċett tal-gvern dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni għas-snin mill-2018 sal-2022.

⁴⁷ Il-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Korruzzjoni 2020.

⁴⁸ Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Korruzzjoni tal-2019.

⁴⁹ Il-Kapitolu X, it-Taqsima 3, l-Artikolu speċjali "Korruzzjoni" tal-Att Nru 40/2009 Coll., il-Kodiċi Kriminali.

⁵⁰ GRECO Third Evaluation Round - Second Compliance Report on the Czech Republic.

barrani mhuwiex speċifikament kriminalizzat mill-Kodiċi Kriminali⁵¹. Korp konsultattiv tal-Gvern, stabbilit fl-2014, jikkoordina u jevalwa l-attivitajiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

L-għadd ta' persuni investigati, imressqa l-qorti u kkundannati għal reati ta' korruzzjoni varja f'dawn l-aħħar tliet snin. Fl-2017, l-awtoritajiet Ċeki tal-infurzar tal-liġi fetħu 115-il investigazzjoni dwar reati ta' korruzzjoni, meta mqabbla ma' 319 fl-2018 u 152 fl-2019. Daqs 148 persuna tressqu l-qorti mixlija b'reati ta' korruzzjoni jew suspettati b'reat ta' korruzzjoni⁵² fl-2017, meta mqabbla ma' 268 fl-2018 u 190 fl-2019⁵³. F'dawn l-aħħar snin, iċ-Ċekja kellha diversi każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja li kienu qegħdin jiġu investigati, bl-allegati awturi tar-reat li ġew akkużati u f'xi każijiet, ikkundannati mill-qorti. Madankollu, 62 % tar-rispondenti Ċeki għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2020 dwar il-korruzzjoni⁵⁴ huma tal-fehma li ma hemmx biżżejjed prosekuzzjonijiet li rnekkew li jistgħu jnaffru lin-nies milli jadottaw Prattiki korrotti (il-medja tal-UE: 34 %) u 64 % huma tal-fehma li l-każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja ma jiġux investigati biżżejjed (il-medja tal-UE: 66 %). Barra minn hekk, 54 % tan-negozji li wiegħbu għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2019 dwar l-attitudnijiet tan-negozji fil-konfront tal-korruzzjoni fl-UE⁵⁵ huma tal-fehma li l-persuni korrotti aktarx ma jiġux immultati sew jew impriġunati minn qorti (il-medja tal-UE: 39 %).

Jinsabu għaddejnin investigazzjonijiet u awditi fil-livell nazzjonali u Ewropew rigward kunflitti tal-interessi potenzjali u l-użu tal-fondi tal-UE. Il-ġestjoni tal-fondi tal-UE fiċ-Ċekja ssemmiet bħala tħassib potenzjali f'dawn l-aħħar snin⁵⁶. B'segwitu għal investigazzjoni bejn l-2016 u l-2017 mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), li sab irregolaritajiet serji fir-rigward tal-użu tal-fondi tal-UE, bħalissa għaddejja investigazzjoni kriminali fil-livell nazzjonali dwar każ bi profil għoli u nġhata bidu għal aktar awditjar tal-Kummissjoni biex jiġu eżaminati kwistjonijiet ta' kunflitti ta' interess possibbli b'rabta mal-użu tal-fondi tal-UE.

L-Att dwar il-kunflitt ta' interess fih regoli dwar il-kunflitt ta' interessi u d-dikjarazzjoni tal-assi⁵⁷. Japplika għal membri tal-kabinett, il-membri tal-Parlament, id-deputati u l-gvernaturi reġjonali, l-uffiċjali pubbliċi f'kariga mlaħħqa, is-sindki u l-membri tal-kunsilli lokali, kif ukoll il-membri tal-korpi statutorji, ta' ġestjoni, ta' superviżjoni jew ta' kontroll. L-Att jistabbilixxi reġistru ċentrali tan-notifiki, amministrat mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Il-persuni koperti mill-Att iridu jippreżentaw d-dikjarazzjonijiet tagħhom dwar l-interessi personali, l-assi, l-attivitajiet, id-dħul, ir-rigali u l-obbligazzjonijiet tagħhom. IL-GRECO enfażizza li jistgħu jkunu meħtieġa sanzjonijiet aktar effettivi fir-rigward tar-rekwiżiti tad-dikjarazzjoni⁵⁸. Bl-istess mod, ġie enfasizzat li iċ-Ċekja għandha tikkunsidra

⁵¹ L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim: L-aktar rapport ta' segwitu riċenti tal-Fażi 4 tar-Repubblika Ċeka dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim jinnota li hemm diversi rakkomandazzjonijiet li ġew indirizzati parzjalment jew inkella ma ġewx indirizzati għalkollox.

⁵² L-Artikoli 160 u 179b (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

⁵³ Informazzjoni miġbura matul il-żjara tal-pajjiż fiċ-Ċekja, mit-3 sal-5 ta' Ġunju 2020.

⁵⁴ Ewrobarometru Speċjali 502 (2020), il-Korruzzjoni.

⁵⁵ Ewrobarometru Flash 482 (2019), L-attitudnijiet tan-negozji fil-konfront tal-korruzzjoni fl-UE.

⁵⁶ F'Ġunju 2020, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni (2019/2987(RSP)) li tirrigwarda s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċeka u esprima tħassib b'rabta mal-kwistjoni tal-kunflitti ta' interess u l-użu u d-distribuzzjoni tal-fondi pubbliċi u tal-UE.

⁵⁷ L-Att Nru 159/2006 Col.

⁵⁸ In-nuqqas li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni jew li jiġu ddikjarati l-assi kollha jaf iwassal għal sanzjoni finanzjarja ta' bejn CZK 1 000 (EUR 40) u CZK 50 000 (EUR 1 850).

twessa' l-ambitu tad-dikjarazzjonijiet biex ikopri l-informazzjoni dwar il-konjuġi u l-qraba dipendenti tal-Membri tal-Parlament⁵⁹. Il-liġi ma tirregolax l-aċċettazzjoni tar-rigali u favuri oħra mill-membri parlamentari⁶⁰. In-nuqqas ta' regoli ċari għall-membri parlamentari dwar, pereżempju, l-aċċettazzjoni tar-rigali jew favuri oħra, dwar id-dikjarazzjoni tal-attivitàjiet u l-inkompatibilitàjiet u dwar l-interazzjoni tal-lobbyists ġie enfasizzat fl-aħħar rapport tas-Semestru Ewropew⁶¹.

Diversi inizjattivi għandhom l-għan li jsaħħu r-regoli kontra l-korruzzjoni u dwar l-integrità fir-rigward tal-amministrazzjoni pubblika. Hemm fis-seħħ programm qafas intern kontra l-korruzzjoni⁶², li jistabbilixxi evalwazzjoni regolari tar-riskji tal-korruzzjoni u tal-ġestjoni interna tar-riskju fil-ministeri, f'awtoritajiet ċentrali oħra u f'korpi u aġenziji subordinati. Kull awtorità hija obbligata li tistabbilixxi qafas li jinkludi kodiċi ta' etika, taħriġ dwar l-integrità, proċeduri interni ta' whistleblowing u proċeduri għal każijiet ta' korruzzjoni suspettata. L-implimentazzjoni tal-qafas jiġi vvalutat tal-anqas kull sentejn. Jitqiegħed fis-seħħ kodiċi tal-etika għall-uffiċjali u l-impjegati taċ-ċivil, li jkun vinkolanti għal dawk li jaħdmu għall-amministrazzjoni ċentrali. Madankollu, 80 % tar-rispondenti għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2020 dwar il-korruzzjoni⁶³ huma tal-fehma li teżisti l-korruzzjoni fl-istituzzjonijiet pubbliċi lokali jew reġjonali (il-medja tal-UE: 68 %).

Jinsab għaddej dibattitu rigward abbozz ta' liġi li jestendi s-setgħat tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar. L-estensjoni tal-mandat tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar hija mniżżla bħala waħda mill-prijoritajiet fid-Dikjarazzjoni l-ġdida tal-Programm tal-Gvern⁶⁴. L-abbozz ta' liġi⁶⁵ għandu l-għan li jwessa' l-mandat tal-Uffiċċju biex iwettaq awditjar tar-regolarità u l-prestazzjoni tal-infiq pubbliku fil-livell lokali u reġjonali. L-Att ikopri wkoll l-intrapriżi u l-kumpaniji tal-istat bi sjieda maġġoritarja tal-istat u/jew tal-municipalitajiet⁶⁶. Dawn il-miżuri huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv fir-rigward tal-akkontabilità pubblika u t-trasparenza tal-infiq pubbliku.

Ġiet proposta regolamentazzjoni tal-lobbying. L-abbozz ta' liġi dwar il-lobbying⁶⁷ għadu jrid jiġi adottat. Se jistabbilixxi regjistru tal-lobbyists u tal-persuni soġġetti għal-lobbying li jkun aċċessibbli pubblikament. Il-lobbyists u l-uffiċjali pubbliċi se jkollhom l-obbligu li jippreżentaw rapporti kull tliet xhur b'informazzjoni rigward il-kuntatti rispettivi tagħhom bejniethom. Apparti minn hekk, l-abbozz ta' liġi jistabbilixxi wkoll "impronta tal-lobbying", li se tinhemeż b'mod mandatorju mal-abbozzi ta' liġi kollha. Se tkun tinkludi informazzjoni dwar il-lobbyists, il-persuni soġġetti għal-lobbying u l-mod speċifiku li bih il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tkun ġiet soġġetta għal-lobbying. Dan għandu l-għan li jżid it-trasparenza fil-proċess leġiżlattiv. L-abbozz ta' liġi jinkludi wkoll regoli dwar id-dikjarazzjoni tar-rigali.

Għadd ta' miżuri jipprevedu l-protezzjoni tal-informaturi u jinkoraġġixxu r-rapportar tal-korruzzjoni. Ir-Regolament tal-Gvern Nru145/2015 Coll. jistipula qafas għar-rapportar

⁵⁹ GRECO Fourth Evaluation Round – Interim Compliance Report Czech Republic.

⁶⁰ GRECO Fourth Evaluation Round – Interim Compliance Report Czech Republic.

⁶¹ Il-Kummissjoni Ewropea, Country Report Czechia 2020, SWD(2020) 502 final, p. 43.

⁶² Stabbilit permezz ta' riżoluzzjoni tal-Gvern tat-2 ta' Ottubru 2013, Nru 752.

⁶³ Ewrobarometru Speċjali 502 (2020).

⁶⁴ Dikjarazzjoni tal-Programm tal-Gvern.

⁶⁵ L-abbozz ta' liġi wasal fit-tielet qari fil-Kamra tad-Deputati u sakemm isseħħ l-adozzjoni ta' emenda kostituzzjonali relatata mis-Senat.

⁶⁶ Emenda tal-Att dwar l-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar, (2018).

⁶⁷ L-abbozz ta' liġi dwar il-lobbying jikkonsisti f'żewġ abbozzi relatati iżda separati: abbozz ta' liġi dwar il-lobbying (id-Dokument Parlamentari 565) u abbozz ta' liġi li jibdel xi atti b'rabta mal-approvazzjoni tal-att dwar il-lobbying (id-Dokument Parlamentari 566).

intern għall-impjegati taċ-ċivil li bħalissa huma l-uniku grupp ta' impjegati protetti bħala informaturi. Tqiegħdu fis-seħħ mekkaniżmi biex l-uffiċjali tal-pulizija u l-impjegati taċ-ċivili jissottomettu avviż ta' suspett ta' korruzzjoni. Bħalissa, il-Ministeru għall-Ġustizzja qed ifassal abbozz ta' liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi sabiex jimplementa d-Direttiva 2019/1937 dwar il-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni⁶⁸. Skont *data* mill-istħarriġ, 55 % tar-rispondenti Ċeki għall-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2020 dwar il-korruzzjoni⁶⁹ ma jafux fejn jistgħu jirrapportaw każ ta' korruzzjoni kieku kellhom jesperjenzawha jew jiltaqgħu magħha (il-medja tal-UE: 54 %).

Ir-reġistru tal-kuntratti tnieda f'Lulju 2016⁷⁰ u jippubblika online kuntratti ta' 'l fuq minn CZK 50 000 (madwar EUR 2 000). Ir-reġistru jinkludi kuntratti li jkollhom waħda mill-entitajiet magħżula rregolati mil-liġi pubblika li jkunu parti, pereżempju, l-Istat, l-awtoritajiet lokali/reġjonali, l-intrapriżi tal-istat, il-fondi tal-istat, l-universitajiet pubbliċi jew l-entitajiet legali, fejn l-istat jew l-awtorità lokali/reġjonali (hi biss jew flimkien ma' awtoritajiet lokali/reġjonali oħra) ikollhom interess maġġoritarju permezz ta' entità legali oħra. Ċerti tipi ta' kuntratt huma eżenti minn pubblikazzjoni obbligatorja fir-registru⁷¹. Ir-reġistru jista' jitqies bħala eżempju ta' prattika tajba b'impatt preventiv pożittiv fir-rigward tal-korruzzjoni.

L-Att dwar in-nomini f'intrapriżi tal-istat ġie adottat mill-Parlament f'Diċembru 2019 u daħal fis-seħħ f'Jannar 2020⁷². L-Att jistipula regoli ġodda għall-għażla tal-membri tal-entitajiet statutorji u ta' ġestjoni tal-intrapriżi tal-istat, kif ukoll intrapriżi bi sjieda parzjali tal-istat. L-Att għandu l-għan li jippreveni nomini politiċi u li jżid ulterjorment it-trasparenza tal-proċess tal-għażla billi l-kandidati jkollhom jgħaddu minn proċedura ta' għażla, immexxija minn kumitat tal-Gvern.

Fl-2019, il-Gvern wettaq analiżi tar-riskju tal-korruzzjoni fis-settur tal-kura tas-saħħa. L-analiżi identifikat is-settur bħala wieħed mis-setturi b'riskju għoli f'dak li jirrigwarda l-korruzzjoni. Enfasizzat li r-riskji tal-korruzzjoni jeżistu fil-lati kollha tas-settur tal-kura tas-saħħa, li jvarjaw minn korruzzjoni min-naħa tal-pazjenti u l-fornituri tal-kura tas-saħħa sa korruzzjoni fil-livell tal-Gvern ċentrali⁷³. B'segwitu għall-analiżi, il-Ministeru għall-Ġustizzja għandu l-għan li jintroduċi miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni u huwa mistenni wkoll li jippreżenta proposta legali biex jottimizza t-tħaddim tal-kumpaniji pubbliċi tal-assigurazzjoni.

III. IL-PLURALIŻMU TAL-MEDIA

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Libertajiet Bażiċi, inkorporata fl-Ordni Kostituzzjonali Ċeka tiggarrantixxi l-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni, u

⁶⁸ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni, ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17–56.

⁶⁹ Ewrobarometru Speċjali 502 (2020).

⁷⁰ Fl-1 ta' Lulju 2017 daħlet fis-seħħ klawżola li tiddikjara li kuntratt ikun effettiv biss jekk ikun ġie ppubblikat fir-reġistru tal-kuntratti.

⁷¹ Is-sit web tal-Ministeru għall-Intern dwar ir-reġistru tal-kuntratti, <https://www.mvcr.cz/clanek/registrsmluv.aspx?q=Y2hudW09NA%3d%3d>.

⁷² L-Att dwar l-Għażla tal-Persuni għall-Korpi ta' Ġestjoni u Superviżorji ta' Entitajiet Legali b'Shem ta' Sjieda tal-Istat (Att dwar in-Nomini).

⁷³ Il-portal tal-Gvern kontra l-Korruzzjoni, www.korupce.cz.

tipprojbixxi b'mod espliċitu ċ-ċensura⁷⁴. L-Att dwar ix-Xandir tar-Radju u tat-Televiżjoni jiddefinixxi b'mod ċar il-kompetenzi tar-regolatur Ċek tal-media⁷⁵ filwaqt li l-Att dwar l-Aċċess Liberu għall-Infommazzjoni⁷⁶ jiggarrantixxi l-aċċess għall-infommazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi.

Il-Gvern qed jikkunsidra riforma biex tkompli tissaħħa l-indipendenza tar-regolatur tal-media. L-Att dwar ix-Xandir tar-Radju u tat-Televiżjoni jattribwixxi r-rwol tar-regolatur Ċek tal-media lill-Kunsill għax-Xandir tar-Radju u tat-Televiżjoni (il-Kunsill)⁷⁷, li huwa awtorizzat iwettaq superviżjoni tax-xandir tar-radju u tat-televiżjoni, kif ukoll tas-servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba. Strumenti medjatiċi oħra (media stampata, online) huma soġġetti għal reġim ġenerali mislut mil-liġi kriminali, ir-regoli tar-reklamar, il-qafas tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-inizjattivi awtoregolatorji⁷⁸. L-Att jistabbilixxi l-Kunsill bħala korp amministrattiv indipendenti li jikkonsisti minn 13-il membru u jistipula d-dmirijiet u l-obbligi tal-Kunsill. Barra minn hekk, jistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà, il-kriterji ta' esklużjoni u l-proċeduri ta' ħatra għall-membri u l-kap tal-Kunsill. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill huma soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju. F'każ li l-Kunsill jikser ripetutamente u serjament l-obbligi stipulati fl-Att, jew jekk ir-rapport annwali mandatorju tiegħu jonqos ripetutamente milli jiġi approvat minħabba nuqqasijiet serji, il-Kamra tad-Deputati tista' tipproponi lill-Prim Ministru biex ineħħi l-Kunsill kollu kemm hu. L-awtoritajiet ħabbru li ġiet intavolata proposta biex is-setgħa tal-Kamra tad-Deputati tiġi limitata, sabiex f'każijiet bħal dawn ikunu jistgħu jitneħħew biss membri individwali. Din ir-riforma għandha l-għan li ssaħħa l-indipendenza tal-Kunsill kollu kemm hu, f'konformità mal-oġġettivi tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva riveduta (AVMSD - Audiovisual Media Services Directive)⁷⁹.

Il-kompetenzi tal-Kunsill huma definiti sew fil-liġi u applikati effettivament fil-prattika. Kif ġie osservat fl-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020⁸⁰ (Media Pluralism Monitor, MPM 2020), it-tħaddim tar-regolatur tal-media juri li kumplessivament ir-riskju huwa baxx, minkejja li jidher li kien hemm polarizzazzjoni dejjem akbar tad-deċiżjonijiet reċenti li jikkonċernaw il-kopertura tal-media ta' ċerti kwistjonijiet ta' sensitività politika kbira⁸¹.

Iċ-Ċekja ma għandha l-ebda regola speċifika li tirregola t-trasparenza tas-sjieda tal-media. L-Att dwar ix-Xandir tar-Radju u tat-Televiżjoni li jissemma aktar 'il fuq għandu wkoll l-għan li jikkontrolla l-fużjonijiet bejn ix-xandara u jistabbilixxi limiti għall-akkumulazzjoni tal-liċenzji jew tar-rabtiet personali fost xandara differenti. L-Att dwar il-Kunflitt ta' Interess⁸² jipprojbixxi lil kwalunkwe uffiċjal pubbliku milli jkun xandar tar-radju

⁷⁴ Bejn l-2019 u l-2020, il-pożizzjoni taċ-Ċekja fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa ta' Reporters without Borders, baqgħet stabbli fl-erbgħin post minn madwar id-dinja kollha. Reporters without Borders, ir-Repubblika Ċeka.

⁷⁵ L-Att Nru 231/2001 Coll, kif emendat.

⁷⁶ L-Att Nru 106/1999 Col.

⁷⁷ L-Att Nru 231/2001 Coll., kif emendat.

⁷⁸ Fosthom il-Kunsill Ċek dwar l-Istandards tar-Reklamar.

⁷⁹ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' reatjiet tas-suq li qed jinbidlu.

⁸⁰ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020.

⁸¹ L-awtoritajiet Ċeki ħejjew abbozz ta' liġi li tittrasponi l-AVMSD riveduta, li huwa mistenni li tiġi adottata fi tmiem l-2020 jew fil-bidu tal-2021.

⁸² L-Att Nru 159/2006 Coll., kif emendat.

jew tat-televiżjoni, jew pubblikatur tal-media stampata jew persuna li teżerċita kontroll fuq tali xandar jew pubblikatur. L-att jirrikjedi li jiġu introdotti ċerti fatt fir-reġistri pubbliċi rilevanti f'konformità mar-regoli ġenerali li jirregolaw ir-reġistrazzjoni tal-kumpaniji. Madankollu, il-kumpaniji tal-media mhumiex obbligati li jiddivulgaw l-istrutturi tas-sjieda tagħhom, il-bidliet fihom jew kwalunkwe informazzjoni relatata mas-sid benefiċjarju finali tal-kumpanija⁸³. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnutat li l-MPM 2020 tindika riskju għoli rigward it-trasparenza tas-sjieda tal-media, wisq aktar minħabba l-livelli ġenerali ta' riskju għoli assoċjati mat-theddid għall-pluralità tas-suq, b'mod aktar ġenerali f'termini ta' influwenza kummerċjali u tas-sjieda fuq il-kontenut editorjali u l-konċentrazzjoni tal-mezzi tal-aħbarijiet⁸⁴. Minkejja l-adozzjoni tal-emendi tal-Att dwar il-Kunflitt ta' Interess fl-2017, li jipprojbixxi espliċitament lill-politiċi milli jkollhom interessi fil-media, ir-riskji għall-indipendenza politika tal-media jibqa' għoli, meta wieħed iqis li l-influwenza politika jaf xorta waħda tiġi eżerċitata permezz tan-networks informali u l-alleanzi tal-poteri bejn is-sidien u l-atturi politiċi⁸⁵. L-assoċjazzjonijiet tal-ġurnalisti u s-soċjetà ċivili kkonsultati mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dan ir-rapport ikkonfermaw li dawn id-dinamiċi jirrappreżentaw l-aktar riskju sinifikanti għall-pluraliżmu tal-media fil-pajjiż⁸⁶.

Iċ-Ċekja ma għandhiex regoli speċifiċi dwar l-allokazzjoni tar-reklamar tal-istat lil hinn mir-rekwiżiti ġenerali għar-reklamar stabbiliti fl-Att dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi⁸⁷, jiġifieri li kull kuntratt ta' reklamar tal-istat b'valur li jaqbeż il-CZK 50 000 (madwar EUR 2 000) għandu jiġi ppubblikat u jkun disponibbli fir-reġistru pubbliku. L-MPM 2000 tindika wkoll xi riskji li jirriżultaw min-nuqqas ta' regolamentazzjoni li taċċerta t-trasparenza tar-reklamar politiku online⁸⁸.

L-aċċess għall-informazzjoni huwa garantit mil-liġi iżda fil-prattika jista' jkun hemm l-ostakli. L-Att dwar l-Aċċess Liberu għall-Informazzjoni⁸⁹ jiggarrantixxi l-aċċess għall-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi. Abbozz ta' emenda li qed jitħejja bħalissa⁹⁰ jintroduċi mekkaniżmu, f'konformità mal-ġurisprudenza Ċeka, biex jikkumbatti r-rikjesti għall-informazzjoni li jkunu apertament ta' xkiel. L-emenda tagħti lok li l-korp pubbliku jkun jista' jirrikjedi li jsir ħlas antiċipat biex jiġu koperti l-ispejjeż assoċjati mal-irkupru ta' informazzjoni b'mod estensiv. Dan jista' jostakola l-aċċess għall-informazzjoni dettaljata miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi. Barra minn hekk, matul iż-żjara tal-pajjiż

⁸³ L-AVMSD riveduta tħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw miżuri leġislattivi li jipprevedu li l-fornituri tas-servizzi tal-media li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tagħhom irendu aċċessibbli l-informazzjoni li tikkonċerna l-istruttura tas-sjieda tagħhom, inklużi s-sidien benefiċjarji. Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtjiet tas-suq li qed jinbidlu.

⁸⁴ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020.

⁸⁵ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020.

⁸⁶ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u tal-proċess ta' konsultazzjoni għat-thejjiġa tar-rapport, pereż. kontribut minn Transparency International Repubblika Ċeka għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

⁸⁷ L-Att Nru 134/2016 Col.

⁸⁸ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020.

⁸⁹ L-Att Nru 106/1999 Col.

⁹⁰ L-emenda tinsab fil-Kamra tad-Deputati tal-Parlament tar-Repubblika Ċeka, il-Kamra tad-Deputati, Nru tad-Dokument Parlamentari 633, sabiex tiġi diskussa fl-ewwel qari.

tqajjem tħassib dwar rapporti li jirrigwardaw ir-rifjut tal-awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u jikkontestaw it-talbiet quddiem il-qrati⁹¹.

Filwaqt li l-ġurnalisti jitqiesu li huma sikuri minn kwalunkwe ħsara fiżika, fil-lingwaġġ politiku mhux l-ewwel darba li jiġu insultati verbalment u mhedda. Il-pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnalisti u tas-sikurezza tal-ġurnalisti⁹² ma rreġistrat l-ebda allerta fiċ-Ċekja fl-2019 u fl-2020. L-MPM 2000 tikkunsidra wkoll li l-qasam tal-professjoni, l-istandards u l-protezzjoni tal-ġurnalisti bħala f'riskju baxx. Madankollu, osservat li l-insulti verbali, id-diffamazzjoni tal-ġurnalisti u t-theddid fil-konfront tagħhom saru xi ħaġa komuni fil-lingwaġġ politiku għall-partiti populistici kif ukoll tan-naħa tal-lemin⁹³ u l-politiċi individwali⁹⁴. Ta' min wieħed jinnota li l-priġunerija, – sa massimu ta' sena, u bħala sentenza addizzjonali – hija fost is-sanzjonijiet previsti għad-diffamazzjoni⁹⁵.

IV. KWISTJONIJET ISTITUZZJONALI OĦRA RELATATI MAL-KONTROKONTROLLI

Iċ-Ċekja għandha sistema ta' gvern parlamentari bikamerali⁹⁶ bi President elett direttament. Il-proposti leġiżlattivi jistgħu jiġu ppreżentati minn membru tal-Kamra tad-Deputati, minn grupp ta' membri tal-Kamra tad-Deputati, mis-Senat, mill-Gvern, jew minn korpi rappreżentattivi ta' reġjuni awtonomi superjuri⁹⁷. Il-Qorti Kostituzzjonali tista' twettaq reviżjoni kostituzzjonali *ex post*. Minbarra s-sistema tal-ġustizzja, l-Uffiċċju tal-Ombudsperson u s-soċjetà ċivili għandhom rwol fis-sistema ta' kontrokontrolli.

It-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt u l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati huma Prattiki stabbiliti għall-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Proposta leġiżlattiva tista' toriġina mill-Kamra tad-Deputati (deputat, jew grupp ta' deputati), mis-Senat (fl-intier tiegħu biss), mill-Gvern u mill-kunsilli reġjonali. Il-proposta tinkludi wkoll memorandum ta' spjegazzjoni, li jrid jivvaluta s-sitwazzjoni legali attwali, jispjega l-ħtieġa għal regolamentazzjoni ġdida, jiddeskrivi l-impatti ekonomiċi u finanzjarji mistennija u jiċċara l-konformità tal-proposta mal-ordni kostituzzjonali, mat-trattati internazzjonali u mal-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Huma meħtieġa valutazzjonijiet tal-impatt għal kull proposta leġiżlattiva mħejjija mill-Gvern, kif ukoll għal kull regolamentazzjoni li b'riżultat tagħha jkunu mistennija spejjeż sostantivi għan-negozji, għall-amministrazzjonijiet u għaċ-ċittadini. Il-leġiżlazzjoni proposta mill-Membri tal-Parlament u mill-awtoritajiet lokali u reġjonali mhijiex soġġetta għal valutazzjonijiet tal-impatt regolatorju. Il-Gvern, li jħejji l-maġġorparti tal-leġiżlazzjoni primarja, stabbilixxa għadd ta' korpi ta' konsulenza u ta' ħidma li jirrappreżentaw lill-esperti, lill-partijiet ikkonċernati jew lil gruppi oħra involuti⁹⁸. Minkejja l-qafas komprensiv, il-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili li ġew ikkonsultati esprimew tħassib rigward obbligu ta' konsultazzjoni allegatament nieqes u n-nuqqas ta' segwitu effettiv

⁹¹ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara fil-pajjiż u indikata wkoll mill-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020.

⁹² Il-Kunsill tal-Ewropa. Platform to promote the protection of journalism and safety of journalists.

⁹³ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020.

⁹⁴ Inklużi dikjarazzjonijiet mill-President tar-Repubblika. F'dan il-kuntest għandu jinfakkar li kif indikat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 2016/4, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ qafas leġiżlattiv komprensiv li jippermetti lill-ġurnalisti u lil atturi oħra tal-media jikkontribwixxu b'mod effettiv u bla biża' għad-dibattitu pubbliku.

⁹⁵ Iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media (2019), Decriminalisation of Defamation.

⁹⁶ Maġmula mill-kamra inferjuri, il-Kamra tad-Deputati (*Poslanecká sněmovna*) u s-Senat (*Senát Parlamentu České republiky*), il-kamra superjuri.

⁹⁷ L-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni.

⁹⁸ Is-sit web tal-Gvern, <https://www.vlada.cz/en/pracovni-a-poradni-organy-vlady/>.

tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru⁹⁹. Il-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti Suprema, il-Qorti Amministrattiva Suprema u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jiġu kkonsultati f'każijiet fejn abbozz ta' proposta jkun relatat mal-qasam ta' kompetenza tagħhom.

Qed isiru sforzi biex tiżdied aktar it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv. L-aċċess għad-dokumenti parlamentari u tal-Gvern diġà huwa possibbli permezz ta' sensiela ta' għodod online¹⁰⁰. Barra minn hekk, jinsab għaddej proġett biex jiġu stabbiliti l-portali "eKollezzjoni" u "eLegiżlazzjoni"¹⁰¹, li jagħtu lok għal kontroll u parteċipazzjoni b'faċilità akbar fil-proċess leġiżlattiv. Id-data tat-tlestija hija ppjanata fi tmiem l-2020.

Il-miżuri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 kienu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju. Il-Gvern iddikjara stat ta' emerġenza fit-12 ta' Marzu 2020. L-istat ta' emerġenza baqa' fis-seħħ sas-17 ta' Mejju, wara li l-Kamra tad-Deputati qablet darbtejn mal-estensjoni tiegħu¹⁰². Ir-risoluzzjoni tal-gvern li ddikjarat l-istat ta' emerġenza minħabba t-tifqigħa tal-Covid-19 u diversi miżuri tal-Gvern u miżuri straordinarji meħuda mill-Ministeru għas-Saħħa kienu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti Muniċipali fi Praga, mill-Qorti Amministrattiva Suprema u mill-Qorti Kostituzzjonali¹⁰³. Il-kostituzzjonalità tad-dikjarazzjoni tal-gvern rigward l-istat ta' emerġenza ġiet ikkonfermata, flimkien mal-miżuri straordinarji kkontestati, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Il-Qorti Muniċipali ta' Praga annullat erba' miżuri¹⁰⁴, li wassal biex jiskattaw adattamenti leġiżlattivi sussegwenti mill-Gvern.

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet (Ombudsperson) jiddefendi d-drittijiet tal-individwi vis-à-vis l-awtoritajiet pubbliċi u jippromovi standards ta' governanza tajba. Iċ-Ċekja ma għandhiex Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem¹⁰⁵. Hemm Ombudsperson li huwa indipendenti f'sens formali u materjali u huwa separat mit-tliet fergħat tal-gvern. L-uffiċċju tal-Ombudsperson huwa stabbilit mil-liġi u mhux imnaqqax fil-Kostituzzjoni. Il-kompitu prinċipali tal-Ombudsperson huwa li jassisti lill-persuni f'każijiet fejn il-kondotta tal-awtoritajiet tkun illegali jew inkella tkun kontra l-prinċipji ta' stat demokratiku u ta' governanza tajba, billi jagħmel inkjesti u jirrakkomanda azzjonijiet biex is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata. L-Ombudsperson ma għandux setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-eżiti tal-inkjesti li jsiru mill-uffiċċju tiegħu mhumiex legalment vinkolanti¹⁰⁶. Apparti minn hekk, l-Ombudsperson irċieva l-mandat ta' Korp tal-Ugwaljanza, Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ Nazzjonali skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni

⁹⁹ Perez. kontribut mill-Kumitat Ċek ta' Helsinki għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

¹⁰⁰ Dawn l-għodod jinkludu ODok, <https://www.odok.cz/>, li tippermetti ċ-ċirkolazzjoni tad-dokumenti bejn il-korpi ċentrali tal-amministrazzjoni tal-istat, libreriya elettronika tal-proċess leġiżlattiv (eKLEP, <https://apps.odok.cz/>), li tinkorpora l-biċċiet kollha tal-leġiżlazzjoni mħejjija u anki xi dokumenti relatati bħal kummenti u rapporti dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorju, is-siti web tal-Kamra tad-Deputati u tas-Senat li minnhom hija aċċessibbli d-dokumentazzjoni relatata mal-proposti leġiżlattivi kollha, ix-xandiriet online tal-laqgħat taż-żewġ ikmamar kif ukoll ir-reġistrazzjonijiet stenografici mil-laqgħat tal-Kamra u tas-Senat u l-minuti mil-laqgħat tal-Kumitati.

¹⁰¹ Wieħed jista' jsib aktar informazzjoni dwar il-proġett hawnhekk: <https://www.mvcr.cz/clanek/esbirka-a-elegislativa.aspx>. Il-proġett huwa kofinanzjat mill-fondi tal-UE.

¹⁰² L-istat ta' emerġenza jista' jiġi ddikjarat mill-Gvern sa massimu ta' 30 jum u jista' jiġi estiż ulterjorment bl-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati biss. L-Att Kostituzzjonali Nru 110/1998, l-Artikoli 5 u 6.

¹⁰³ Perez. id-deċiżjonijiet tal-Qorti Muniċipali fi Praga Nru. 14 A 41/2020 tat-23 ta' April 2020 u Nru 10 A 35/2020 – 261 tas-7 ta' Mejju 2020, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-4 ta' Ġunju 2020, Nru 6 As 88/2020 – 44, tal-21 ta' Mejju 2020, Nru 5 As 138/2020 - 80, tat-8 ta' Mejju 2020 Nru Nao 48/2020 – 149 u d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-22 ta' April 2020, Nru Pl. ÚS 8/20.

¹⁰⁴ Il-Qorti Muniċipali fi Praga (2020), is-Sentenza Nru 14 A 41/2020, it-23 ta' April 2020.

¹⁰⁵ Ripetutament saru rakkomandazzjonijiet liċ-Ċekja biex jiġi stabbilit NHRI fl-Eżami Perjodiku Universali (EPU) tan-NU u huma appoġġati miċ-Ċekja.

¹⁰⁶ L-Att Nru 349/1999 Coll. dwar id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet.

b'Diżabilità, Mekkaniżmu Preventiv Nazzjonali skont il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura u bħala għodda ta' monitoraġġ tar-ritorni furzati¹⁰⁷.

Teżisti l-prassi li d-dibattiti dwar is-sistema tal-ġustizzja jiġu organizzati fis-Senat. Is-Senat jorganizza konferenzi u dibattiti dwar suġġetti relatati mas-sistema tal-ġustizzja, li jagħtu opportunità lis-senaturi li jiddibattu kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sistema tal-ġustizzja u s-soluzzjonijiet b'rabta mal-politiki. L-aktar konferenza reċenti saret f'Novembru 2019, meta l-Kumitat Kostituzzjonali u Legali, b'kooperazzjoni mal-Qorti Suprema, organizza konferenza internazzjonali dwar l-Effiċjenza u l-Kwalità tal-Ġudikatura Ċeka: Evalwazzjoni u Prospettivi.

Teżisti soċjetà ċivili vibranti u varja iżda l-pressjoni fuq ċertu tipi ta' NGOs qed tiżdied. L-ispazju tas-soċjetà ċivili huwa meqjus bħala miftuħ¹⁰⁸ u s-soċjetà ċivili tipparteċipa b'mod attiv insostenn tad-demokrazija, l-integrità tal-amministrazzjoni pubblika u l-indipendenza tal-ġustizzja u l-prosekuzzjoni¹⁰⁹. Madankollu, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tal-kwistjonijiet tal-migrazzjoni u tal-ġeneru, qed jaffaċċjaw ostilità li qed tikber min-naħa ta' xi segmenti tas-soċjetà u ta' xi partiti politiċi¹¹⁰.

¹⁰⁷ Il-Qagħda tal-Istat tad-Dritt fl-Ewropa. Rapporti mill-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, p. 64.

¹⁰⁸ Gradazzjoni mogħtija minn CIVICUS; il-gradazzjonijiet jingħataw fuq skala ta' ħames kategoriji definiti bħala: miftuħ, ristrett, imxekkel, repress u magħluq.

¹⁰⁹ CIVICUS, it-22 ta' Lulju 2019, Politicians continue to undermine critical media in the Czech Republic. Mass protests persist. CIVICUS, il-15 ta' Jannar 2020, Citizens call for PM's resignation in anti-government protests; press freedom in decline.

¹¹⁰ Kontribut miċ-Ċekja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 33.

Anness I: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetiku*

* *Il-lista tal-kontributi riċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt tinsab hawnhekk: (sit web tal-COM).*

Iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media (2019), Decriminalisation of Defamation. https://cmpf.eu.eu/wp-content/uploads/2019/01/decriminalisation-of-defamation_Infographic.pdf.

Iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media (2020), l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020. <https://cmpf.eu.eu/media-pluralism-monitor/mpm-2020>.

CEPEJ (2020), Study on the functioning of the judicial systems in the EU Member States.

Il-Kamra tal-Marixxalli tal-Qorti tar-Repubblika Ċeka, Ħarsa ġenerali fuq il-bażi tal-istatistika. <https://statistiky.ekcr.info/statistiky>.

CIVICUS, (il-15 ta' Jannar 2020), Citizens call for PM's resignation in anti-government protests; press freedom in decline. <https://monitor.civicus.org/updates/2020/01/15/citizens-call-pms-resignation-anti-government-protests-press-freedom-decline/>.

CIVICUS (it-22 ta' Lulju 2019), Politicians continue to undermine critical media in the Czech Republic. Mass protests persist. <https://monitor.civicus.org/updates/2019/07/22/Politicians-continue-to-undermine-critical-media-in-the-Czech-Republic-Mass-protests-persist/>.

CIVICUS, Monitor tracking civic space: Czech Republic. <https://monitor.civicus.org/country/czech-republic/>.

Il-Konferenza tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni (2018), Country report on implementation of the United Nations Convention against Corruption. <https://www.unodc.org/documents/treaties/UNCAC/WorkingGroups/ImplementationReviewGroup/ExecutiveSummaries/V1808272e.pdf>.

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Ċeka, id-deċiżjoni tat-22 ta' April 2020, Pl. ÚS 8/20.

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Ċeka, id-deċiżjoni tat-22 ta' April 2020, Pl. ÚS 8/20.

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Ċeka, id-deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2014, I. ÚS 3271/13.

Il-Kunsill tal-Ewropa, Platform to promote the protection of journalism and safety of journalists – ir-Repubblika Ċeka. <https://www.coe.int/en/web/media-freedom/czech-republic>.

Il-Kunsill tal-Ewropa: il-Kumitat tal-Ministri (2010), Recommendation CM/Rec(2010)12 of the Committee of Ministers to member states on judges: independence, efficiency and responsibilities.

Il-Kunsill tal-Ewropa: il-Kumitat tal-Ministri (2016), Recommendation CM/REC(2016)4 Ministers on the protection of journalism and safety of journalists and other media actors..

Il-Kunsill tal-Ewropa: il-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) (2010), Report on the independence of the judicial system part I: the independence of judges, CDL-AD(2010)004.

Il-Kunsill tal-Ewropa: il-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) (2016), The Rule of Law Checklist, CDL-AD(2016)007.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2019 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 taċ-Ċekja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2019 taċ-Ċekja, ĠU 2019/C 301/03.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, AK, il-Kawżi Magħquda C- 585/18, C- 624/18 u C- 625/18.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB, C-279/09.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, LM, C- 216/18 PPU.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2010, Orizzonte Salute, C-61/14.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen, C-272/19.

Il-Kumitat Nazzjonali Ċek tal-Avukati (2020), Kontribut mill-Kumitat Nazzjonali Ċek tal-Avukati għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Gvern Ċek (2013), Programm qafas dipartimentali intern kontra l-korruzzjoni, ir-Riżoluzzjoni tal-Gvern Nru 752 tat-2 ta' Ottubru 2013.

Il-Gvern Ċek (2018), Emenda tal-Att dwar l-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar.

Il-Gvern Ċek (2018), Dikjarazzjoni tal-Programm tal-Gvern. <https://www.vlada.cz/cz/jednani-vlady/programove-prohlaseni/programove-prohlaseni-vlady-165960/>.

Il-Gvern Ċek (2018), Abbozz ta' liġi dwar il-Lobbying <https://www.psp.cz/sqw/text/tiskt.sqw?O=8&CT=565&CT1=0>.

Il-Gvern Ċek (2019), emendi tal-Att Nru 549/1991 Coll., Dwar it-tariffi tal-qorti u l-materjali relatati. <https://apps.odok.cz/veklep-detail?pid=KORNBFWH26LU>.

Il-Gvern Ċek (2019), emendi tal-Att Nru 6/2002 Coll., dwar il-Qrati u l-Imħallfin, u l-materjali relatati. <https://apps.odok.cz/veklep-detail?pid=ALBSBBACDB5R>.

Il-Gvern Ċek (2019), l-emendi tal-Att Nru 7/2002 Coll. dwar il-Proċedimenti f'Materji ta' Mħallfin, Prosekuturi u Marixxalli tal-Qorti u materjali relatati. <https://apps.odok.cz/veklep-detail?pid=ALBSBBAD2VD2>.

Il-Gvern Ċek (2019), il-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Korruzzjoni għall-2020.

Il-Gvern Ċek (2019), abbozz ta' riforma tal-Att Nru 283/1993 Coll., dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u materjali relatati. <https://apps.odok.cz/veklep-detail?pid=KORNBD9J6ZWU>.

Il-Gvern Ċek (2019), Rapport tal-RIA dwar l-emenda tal-Att Nru 31/2019. <https://www.psp.cz/sqw/text/tiskt.sqw?O=8&CT=71&CT1=0#prilohy>.

Il-Gvern Ċek (2020), Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Korruzzjoni għall-2019.

Il-Gvern Ċek (2020), Kontribut miċ-Ċekja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Gvern Ċek, Kunċett tal-gvern dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni għas-snin 2018 sa 2022.

Kumitat Ċek ta' Helsinki (2020). Kontribut mill-Kumitat Ċek ta' Helsinki għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtazjiet tas-suq li qed jinbidlu.

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni, ĠU L 305, 26.11.2019.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2019), Ewrobarometru Speċjali 482: l-attitudnijiet tan-negozji fil-konfront tal-korruzzjoni fl-UE.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2020), Ewrobarometru Speċjali 502: korruzzjoni

ENHRI (2020) Il-Qağħda tal-Istat tad-Dritt fl-Ewropa. Rapporti mill-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem. <http://ennhri.org/rule-of-law-report/>.

Il-Kummissjoni Ewropea (2018, 2019, 2020), it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea (2019), Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat, COM(2019)355 final.

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), Country Report Czechia, SWD(2020) 502 final.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2001), is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2001, Kreuz v. Poland, 28249/95.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2001), is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2001, Stankov v. Bulgaria, Nri 29221/95 u 29225/95.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2005), is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2005, Podbielski and PPU Polpure v. Poland, 39199/98.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2006), is-sentenza tal-24 ta' Mejju 2006, Weissman and Others v. Romania, 63945/00.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2011), is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2011, Georgel and Georgeta Stoicescu v. Romania, 9718/03.

Il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura fil-konfront tal-Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka dwar l-użu ħażin ta' fondi tal-UE u kunflitti ta' interess potenzjali, 2019/2987(RSP).

Il-Kunsill tal-Gvern għall-Koordinazzjoni tal-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni (2019), il-minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa li saret fit-2 ta' Ottubru 2019. <https://korupce.cz/wp-content/uploads/2019/11/Z%C3%A1znam-z-21-jedn%C3%A1n%C3%AD-RV-konan%C3%A9h-dne-02.10.2019.pdf>.

GRECO (2018), Third Evaluation Round - Second Compliance Report on the Czech Republic on Incriminations (ETS 173 u 191, GPC 2).

GRECO (2019), Fourth Evaluation Round preventing corruption in respect of members of Parliament, judges and prosecutors – Interim compliance report, Czech Republic.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2018), Ir-rapport finali dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju, Emendi tal-Att Nru 182/2006 Col. (il-Liġi dwar l-Insolvenza). <https://www.psp.cz/sqw/text/tiskt.sqw?O=8&CT=71&CT1=0#prilohy>.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2020), is-Sistema tal-Ġustizzja Ċeka fl-2019: Rapport Statistiku Annwali. https://www.justice.cz/documents/12681/719244/Ceske_soudnictvi_2019_vyrocni_stat_zprava.docx/d5bc0218-e4a9-40d2-99c7-26016974fd0b.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika Ċeka (2020), is-Sistema tal-Ġustizzja Ċeka fl-2019: Rapport Statistiku Annwali. https://www.justice.cz/documents/12681/719244/Ceske_soudnictvi_2019_vyrocni_stat_zprava.docx/d5bc0218-e4a9-40d2-99c7-26016974fd0b.

Il-Qorti Muniċipali fi Praga, id-deċiżjoni tat-23 ta' April 2020, 14 A 41/2020.

Il-Qorti Muniċipali fi Praga, id-deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2020, 10 A 35/2020 – 261.

L-OECD (2019), ir-Rapport ta' Segwitu tal-Fażi 4 tar-Repubblika Ċeka dwar il-progress li għamlet ir-Repubblika Ċeka fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim.

Il-Parlament tar-Repubblika Ċeka (2019), id-Dokument Parlamentari 565/0, il-parti Nru 1/4, il-Proposta tal-Gvern għal Att dwar il-Lobbying. <https://www.psp.cz/sqw/text/tiskt.sqw?O=8&CT=565&CT1=0>.

Il-Prosektur Ġenerali (2019), Ittra lill-Ministeru għall-Ġustizzja b'kummenti dwar l-emendi tal-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku, librerija elettronika tal-proċess leġislattiv. <https://apps.odok.cz/veklep-detail?pid=KORNBD9J6ZWU>.

L-Uffiċċju tal-Prosektur Ġenerali (2019), Ir-rimarki tal-Prosektur Ġenerali rigward id-diskussjoni tal-kummenti li jirrigwardaw l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku. <http://www.nsz.cz/index.php/en/tiskove-zpravy/2414-nejvyi-statni-zastupce-komentuje-projednavani-pipominek-k-zakonu-o-statnim-zastupitelstvi>.

Reporters without Borders, ir-Repubblika Ċeka. <https://rsf.org/en/czech-republic>.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema tar-Repubblika Ċeka, id-deċiżjonijiet tas-27 ta' April 2006, 4 Aps 4/2005, tal-21 ta' Mejju 2008, Nru ta' ref. 4 Ans 9/2007.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema tar-Repubblika Ċeka, id-deċiżjonijiet tal-4 ta' Ġunju 2020, Nru 6 As 88/2020 – 44.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema tar-Repubblika Ċeka, id-deċiżjonijiet tal-21 ta' Mejju 2020, Nru 5 As 138/2020 – 80.

Il-Qorti Amministrattiva Suprema tar-Repubblika Ċeka, id-deċiżjonijiet tat-8 ta' Mejju 2020 Nru Nao 48/2020 – 149.

Transparency International (2020), 2019 Corruption Perceptions Index.

Transparency International Repubblica Ċeka (2020), Kontribut minn Transparency International Repubblica Ċeka għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, goAML (sistema għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus). <https://www.unodc.org/unodc/en/global-it-products/goaml.html>.

L-Unjoni tal-Prosekturi Pubbliċi (2019), kummenti dwar l-emendi tal-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku. <https://www.uniesz.cz/pripominky-unie-k-ministerskemu-navrhu-na-zmenu-zakona-o-statnim-zastupitelstvi/>.

L-Unjoni tal-Prosekturi Pubbliċi (2019), Il-formulazzjoni kompluta tal-kummenti tal-Unjoni rigward l-emendi tal-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku. <https://www.uniesz.cz/wp-content/uploads/2019/07/P%C5%99ipom%C3%ADnky-LK-USZ-novela-ZSZ.rtf>.

Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Eżami Perjodiku Universali – iċ-Ċekja. <https://www.ohchr.org/EN/HRBodies/UPR/Pages/czindex.aspx>.

Żjara tal-pajjiż virtwali fiċ-Ċekja fil-kuntest tar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Anness II: Żjarat fil-pajjiż fir-Repubblika Ċeka

Is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat virtwali f'Ġunju 2020 ma':

- Il-Kunsill tal-Gvern kontra l-Korruzzjoni
- L-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti
- il-Kamra tal-Marixxalli tal-Qorti
- Il-Kunsill għax-Xandir tar-Radju u t-Televiżjoni
- Il-Kumitat Nazzjonali Ċek tal-Avukati
- L-Uffiċċju Analitiku Finanzjarju
- Frank Bold – Rikostruzzjoni tal-Istat
- L-Istitut Internazzjonali għall-Istampa tar-Repubblika Ċeka
- L-Aġenzija Nazzjonali għall-Kriminalità Organizzata tal-Pulizija Ċeka
- L-Ombudsman
- L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali
- Il-Qorti Amministrattiva Suprema
- L-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar
- Il-Qorti Suprema
- Il-Fond għall-Ġurnaliżmu Indipendenti
- Transparency International Repubblica Ċeka
- L-Unjoni tal-Imħallfin
- L-Unjoni tal-Prosekuturi Pubbliċi

* Il-Kummissjoni Itaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Amnesty International
- Civil Liberties Union for Europe
- Civil Society Europe
- Conference of European Churches
- Eurocommerce
- European Center for Not-for-Profit Law
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media
- European Civic Forum
- Free Press Unlimited
- Front Line Defenders
- ILGA-Europe
- Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi
- Il-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem
- L-Istitut Internazzjonali għall-Istampa
- Il-Pjattaforma għat-Tagħlim tul il-Ħajja
- Open Society Justice Initiative/Open Society European Policy Institute
- Reporters without Borders
- Transparency International EU